IL-KNISJA F'MALTA

19 ta' April 2016
39/2016

## ŻIEDA TA' KLASSI FL-ISKOLA ST FRANCIS

L-iskola ta' St Francis f'Birkirkara, li tilqa' fiha studenti subien u bniet, ser iżżid klassi fit-tieni sena kindergarten.

Is-Segretarjat tal-Edukazzjoni Nisranija ser jilqa' applikazzjonijiet għas-subien u l-bniet li twieldu fl-2012 u li jistgħu jinkitbu fl-iskola ta' St Francis f'Birkirkara skont wieħed minn dawn il-kriterji: tfal mid-djar tal-Knisja, aħwa li għandhom ħuthom jattendu f'xi skola ta' St Francis, tfal ta' impjegati tal-iskola ta' St Francis, u transfers minn Kindergartens ta' St Francis għal St Francis Birkirkara.

L-applikazzjonijiet ser jintlaqgħu nhar **il-Ġimgħa 22 ta' April 2016**, bejn id-9:00 a.m. u s-1:00 p.m., fl-uffiċċji tas-Segretarjat tal-Edukazzjoni Nisranija, 16 Triq il-Mall, il-Furjana. L-applikanti għandhom jippreżentaw ċertifikat tal-magħmudija u tal-insinwa tat-tifel/tifla, ritratt daqs ta' passaport, dikjarazzjoni mill-iskola li t-tfal għandhom ħuhom jattendi skola ta' St Francis jew li xi ħadd mill-ġenituri huwa mpjegat tal-iskola St Francis jew dikjarazzjoni mill-iskola li t-tfal jattendu skola ta' St Francis għal dawk li jridu japplikaw għal transfer, u ħlas ta' €15. Japplikaw ir-Regolamenti tad-Dħul fl-Iskejjel tal-Knisja u għalhekk jista' ikun hemm bżonn ta' aktar dokumentazzjoni.

Dawk il-postijiet li ma jimtlewx bil-kriterji msemmija hawn fuq jiġu offruti lil dawk li ser jagħmlu l-għażla ta' skola skont ir-Regolamenti tad-Dħul.

## BIDLA FIL-POST FEJN SER ISIRU L-POLZA U R-REĠISTRAZZJONI TAL-APPLIKANTI TAT-TIENI SENA KINDERGARTEN

B'riżultat tax-xogħol li qed isir fis-sala tal-iskola St Joseph fil-Blata l-Bajda, il-polza u reġistrazzjoni tal-applikanti għad-dħul fit-tieni sena kindergarten mhux se jsiru fl-istess post kif imħabbar fir-Regolamenti. Il-polza u r-reġistrazzjoni ser isiru **fis-Seminarju tal-Arċisqof, Tal-Virtù**, fl-istess dati kif mħabbra fir-Regolamenti: il-polza tas-subien u tal-bniet fit-30 ta' April 2016, ir-reġistrazzjoni tas-subien fl-10 ta' Mejju 2016 u r-reġistrazzjoni tal-bniet fit-13 ta' Mejju 2016. Il-Bord tad-Dħul fl-Iskejjel tal-Knisja jiskuża ruħu ta' kull inkonvenjent.